- *APPALT* –

- *ART. 1633 – 1640 – KAP. 16* -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Mejju 2002**

**Kawza Numru: 34**
**Citazzjoni Numru: 304/96/RCP**

**John Cachia u martu Mary Cachia**

**vs**

**Vincent Ciantar u martu Doris Ciantar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenuti nkarigaw lill-attur John Cachia sabiex jesegwixxi diversi xoghlijiet ta' ghamara.

Illi dawn ix-xoghlijiet gew esegwiti u konsenjati lill-konvenuti u dawn jiswew l-ammont ta' elf (*corregge*: kelma "mija" kancellata) u hamsin lira (Lm1,050).

Illi meta l-konvenuti gew interpellati mill-atturi sabiex dawn ihallsu dan l-ammont dawn wiegbu li xi xoghlijiet gew esegwiti hazin u rrifjutaw li jhallsu, u billi ma huwiex minnu li x-xoghol sar hazin kellha ssir l-odjerna procedura.

Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1,050) ammont dovut fuq diversi xoghlijiet ta' ghamara maghmula ghall-imsemmija konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mit-8 ta' Novembru 1995 l-konvenuti mharka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tal-4 ta' Marzu 1996 a fol. 8 fejn gie eccepit:

1. Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta skond il-ligi billi l-appalt relattiv gie pattwit f'Mejju ta' l-1987.

2. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-attur John Cachia ghadu sal-lum inadempjenti skond il-ftehim li kellu mal-konvenuti eccipjenti ghaliex wiehed mill-oggetti formanti parti mill-appalt lilu moghti mill-istess eccipjenti, cjoe' vetrina li hija specifikata fl-annessa kopja tal-ftehim li sar (Dokument "A"), baqghet ma giet konsenjata qatt. Ghalhekk l-azzjoni odjerna m'hijiex sostenibbli skond il-ligi'

3. Illi, wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, ix-xoghol li fil-fatt gie esegwit ma sarx skond is-sengha u l-arti ghaliex il-mejda konsenjata li tinsab specifikata wkoll fil-ftehim fuq imsemmi nqasmet.

4. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ohrajn li jkunu ammissibbli skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 9 *et seq*. tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Mejju 1996; tas-16 ta' Mejju 1996; tas-17 ta' Mejju 1996; tat-18 ta' Novembru 1996; tal-25 ta' April 1997 fejn il-Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavit tal-atturipprezentat fit-18 ta' April 1997 billi ma rrizultax min huwa n-Nutar illi suppost ha l-affidavit tal-attur u lanqas ma jirrizulta mid-dikjarazzjoni ta' dan in-Nutar li l-

attur iffirma l-affidavit quddiemu. Xehed il-konvenut dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dr. Vassallo ddikjara li m'ghandux provi aktar dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat in-nota tal-attur li biha pprezenta x-xhieda bl-affidavit ta' Robert Micallef u Joseph Saliba;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Novembru 1997 fejn Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ddikjara li m'ghandux provi aktar dwar il-preskrizzjoni;

Rat in-nota tal-konvenuti li permezz taghha pprezentaw l-affidavit ta' Vincent Ciantar;

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' Frar 1998; tat-8 ta' Mejju 1998; u tat-30 ta' Novembru 1998;

Rat in-nota tal-attur li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Marzu 1999;

Rat in-nota tal-attur li biha pprezenta l-affidavit ta' Francis Saliba;

Rat il-verbali tas-seduti tal-24 ta' Mejju 1999 fejn Dr. Vassallo rtira l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni; tal-25 ta' Gunju 1999 fejn xehed in kontro-ezami l-attur; tat-18 ta' Frar 2000; tal-15 ta' Mejju 2000; tat-3 ta' Ottubru 2000; tat-30 ta'

Novembru 2000; tal-21 ta' Frar 2001; tat-2 ta' Mejju 2001; tal-11 ta' Ottubru 2001; tal-21 ta' Novembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenuti u wara l-kawza tmur ghas-sentenza; u tad-9 ta' Jannar 2002 fejn l-attur u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Xehed il-konvenut. Dr. Vassallo rtira t-tielet eccezzjoni tieghu u ddikjara li m'ghandux provi aktar u talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta' Marzu 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur f'din il-kawza qed isostni li huwa gie nkarigat mill-konvenuti sabiex jesegwixxi diversi xoghlijiet ta' ghamara. Minhabba li skond huwa, dawn ix-xoghlijiet gew esegwiti u konsenjati lill-konvenuti u huma ma hallsuhx taghhom peress li sostnew li l-istess xoghlijiet gew esegwiti hazin u b'hekk irrifjutaw li jhallsu. *Inoltre'* eccepew ukoll illi sal-lum l-attur ghadu inadempjenti *stante* li wiehed mill-oggetti formanti parti mill-appalt lilu moghti, cjoe' vetrina, baqghet ma giet konsenjata qatt.

Illi jigi rilevat mill-ewwel li l-konvenuti rtiraw kemm l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni u dan fis-seduta tal-24 ta' Mejju 1999; kif ukoll, it-tielet eccezzjoni rigwardanti l-allegazzjoni

li x-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti u dan fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2002. Kwindi din il-Qorti ghandha quddiemha biss it-tieni eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti. Din tghid hekk:

*"Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-attur John Cachia ghadu sa llum inadempjenti skond il-ftehim li kellu mal-konvenuti eccipjenti ghaliex wiehed mill-oggetti formanti parti mill-appalt lilu moghti mill-istess eccipjenti, cjoe' vetrina li hija specifikata fl-annessa kopja tal-ftehim li sar (Dokument A), baqghet ma giet konsenjata qatt. Ghalhekk l-azzjoni odjerna m'hijiex sostenibbli skond il-ligi".*

Illi l-attur **John Cachia** fl-affidavit tieghu xehed li fl-1987 il-konvenuti Ciantar ordnaw sett tal-pranzu konsistenti f'vetrina, *side-board*, mejda, erba' siggijiet, zewg pultruni u *trolley* u dan ghall-prezz ta' Lm1,350. minn dan l-ammont huma hallew Lm250. Dan ix-xoghol kellu jsir tal-kewkba mastizz u bl-iskultura. Wara xi sena u nofs ziedulu xi xoghol ta' skultura fil-bibien u l-kxaxen u ghalhekk il-prezz zdied b'Lm50 ohra. Huwa xehed li ma kienux ftehmu ghal meta kellu jitlesta x-xoghol. Hu kien lestielha parti mix-xoghol – siggijiet, pultruni u *trolley* – wara circa sentejn. Xi sena wara lestielhom il-mejda u hadielhom fid-dar taghhom. Meta tahom ix-xoghol dejjem kienu prezenti Robbie Micallef u Joe Saliba, lavranti tieghu. Imbaghad beda jahdem fuq is-*side-board*. Dawk iz-zminijiet il-konvenuti Ciantar bdew b'xi xoghlijiet strutturali f'darhom u ma baqghux jghaggluh biex ilesti x-xoghol pendenti. Dan

kien jonqsu biss il-lostru u huwa kien qalilhom biex izommuh fil-garaxx taghhom. Xi erba' snin ilu l-konjugi Ciantar talbuh biex ikompli x-xoghol fuqu liema xoghol lestih.

Ix-xhud kompla li meta kien itihom xi-xoghol qatt ma kienu jhallsuh u qatt ma ssikkahom minhabba li girien mal-garaxx fejn jahdem. Huwa xehed li l-konvenuti dejjem fahhrulu xoghlu. Tant hu hekk li anke hadmilhom *telephone table*. Anke xi hbieb taghhom ordnaw xi xoghol ghandu. Wara qabdu jahdmu fuq il-vetrina, izda l-konvenut tah struzzjonijiet biex jipposponi x-xoghol fuq il-vetrina ghax kienu ghadhom ma lestewx mix-xoghol fid-dar taghhom. Huwa kompla li beda jinduna li ma baqax jintwera dak l-interess biex ilesti x-xoghol pendenti. Fejn qabel kien imur isegwi x-xoghol li jkun qed jahdimlu, l-istess konvenut qatt ma ssikkah biex ilestilu l-vetrina. Imbaghad inqalghu kwistjonijiet ohra pero' skond huwa kienu kollha skuzi biex ma jhallsuhx.

In kontro-ezami kkonferma l-ezattezza tal-konvenut tad-dikjarazzjoni kif ukoll ta' l-affidavit. Huwa kkonferma li Dok. "A" a fol. 11 tal-process huwa kopja fidila tal-ftehim li ghamel mal-konvenuti. Ix-xoghol *extra* mhux inkluz f'din l-iskrittura. Huwa thallas tax-xoghol tal-mejda. Tax-xoghol tal-iskultura zejda baqa' ma thallasx u huwa vvalutah fis-somma ta' Lm50. *Inoltre'* xehed li minghalih li saret skrittura ohra li qeghda ghand l-avukat fejn il-konvenuti qablu li kellhom ihallsuh dawn il-Lm50. Rigward il-mejda

kien thallas taghha mal-konsenja. Il-ftehim li kellu mal-konvenuti kien wiehed ghas-sett kollu u mhux ghall-ghamara bicca bicca. Il-konvenuti qatt ma lmentaw mieghu jew mal-lavranti tieghu illi x-xoghol kien sar mhux skond is-sengha u huwa qatt ma kkonstata difetti f'din l-ghamara li hadmilhom.

Xehed ukoll **Robert Micallef** li ddikjara li huwa kien jahdem *part-time* ma' John Cachia. Huwa ftakar li Vincent Ciantar ordna sett tal-kamra tal-pranzu u huwa hadem fih. Hu spjega li x-xoghol ma kinux ilestuh kollu f'salt u anke minhabba li l-hanut kien zghir, kienu jtellghu x-xoghol hekk kif ikun lest. Marru diversi drabi ghand Ciantar u qal li martu u huwa dehru sodisfatti bix-xoghol. Huma qatt ma rrifjutaw ix-xoghol li kienu jehdulhom. *Inoltre'* huwa ghamlilhom xi xoghol iehor u qatt ma kkummentaw li x-xoghol ta' Cachia kien hazin. Dan ix-xoghol ha aktar minn sentejn biex jitlesta. Kien waqqfu mix-xoghol tal-vetrina ghax kienu qed jirrangaw id-dar u ghax il-mara qaltilhom li r-ragel aktarx kien ser jieqaf mix-xoghol.

Xehed ukoll **Joseph Saliba** li kien jahdem ma' John Cachia. Huwa xehed li jiftakar li Vincent Ciantar mar fil-hanut jordna sett tal-kamra tal-pranzu. L-imghallem ftiehem fuq il-prezz u x-xoghol u huwa kiteb il-ftehim. Dan ix-xoghol kienu damu hafna sabiex ilestuh. Ilhom aktar minn sitt snin minn mindu hadu l-ordni. Kull darba li kienu jlestu xi xoghol kienu jehduh ghand Vincent Ciantar. Waqt li x-xoghol kien ghaddej kien zied xi xoghol ta' skultura u l-

attur irranga l-prezz ta' fuq il-kuntratt originali li kienu ffirmaw. Fil-perjodu li kien ghaddej ix-xoghol kien ordna wkoll *telephone table* zghira. Huwa qal li l-konvenuti kienu jgergru li sakemm jiehdu x-xoghol kien jghaddi hafna zmien izda dan kien tajjeb. Sahansitra qabbduh biex jaghlqilhom arkata bil-*plywood* halli jevitaw it-trabijiet. Darba minnhom martu nfurmathom li r-ragel aktarx kien ser jieqaf mix-xoghol, tant li meta armaw il-vetrina ma baqghux jissikkaw biex ilestu. Il-vetrina qeghda gol-garaxx u kwazi lesta minn kollox.

**Francis Saliba** xehed li huwa kien imur jahdem *part-time* mal-attur. Huwa kien ikun spiss fil-hanut. Darba minnhom kien fil-hanut u l-attur talbu biex jghinu johorgu *side-board* mill-hanut tieghu sabiex jehduh go garaxx zghir peress li ma kienx ha jaghtih il-lostru. Wara xi xahrejn l-attur qallu biex johorgu dan is-*side-board* ghall-lostru. Haduh fil-hanut u rah jaghti l-lostru u rah lest. Waqt li kien ikun fil-hanut il-konvenut gieli mar u qatt ma semghu igerger fuq ix-xoghol mahdum ghalih li kien jara fil-hanut. Qatt ma gerger rigward xi dewmien biex ix-xoghol jitlesta.

Il-konvenut **Vincent Ciantar** xehed li fit-22 ta' Mejju 1987 huwa u martu marru jkellmu lill-attur fil-hanut tieghu. Huma ordnaw *side-board*, vetrina, mejda, erba' (4) siggijiet u zewg (2) pultruni. Ftehmu wkoll fuq *trolley* bhala rigal talli ordnaw is-sett minghand l-attur. Huwa talab lill-attur biex ilestilu f'sitt xhur u dan qallu li hekk kien ser jaghmel. Ftehmu fuq il-prezz ta' Lm1,350 u hu tah Lm250 *deposit*.

Spjega kif l-attur tah ix-xoghol fi zmenijiet differenti. Imbaghad bdew jinsistu fuq il-vetrina. Ix-xhud qal li f'dak iz-zmien kien jahdem il-Libya u kull meta kien jigi kien jara f'hiex wasal u dejjem kien igerger mieghu li qed idum wisq u l-attur kien dejjem isib xi skuza. Fl-1993 waqaf jahdem gewwa l-Libya. F'Awissu ta' dik is-sena beda jahdem f'hanut tas-Sliema. Huwa kkonferma li l-vetrina li kienet tifforma parti mill-ordni taghhom baqghet ma gietx ikkonsenjata mill-attur.

In kontro-ezami xehed li ghadha ma gietx konsenjata lilhom il-vetrina. Huwa qal li fis-sena 2001 tawh tliet xhur zmien biex il-vetrina jlestiha u jhallsuh *cash*. Imma baqghu minghajr risposta. Sussegwentement ghamlu proposta ohra li jekk ma riedx jaghmel il-vetrina jaqtaghha barra u jhallsuh ta' l-affarijiet lesti li ghandhom. Pero' ma hadux risposta. *Inoltre'* xehed li qatt ma rcieva xi avviz mill-Qorti li l-vetrina giet depozitata fil-Qorti jew biex jirtiraha mill-pussess tieghu.

Illi l-azzjoni odjerna tinkwadra ruhha taht it-titlu ta' l-appalti. Fil-fatt l-**Artikolu 1633 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid hekk:

*"Meta wiehed jigi mbaghad ghal xi xoghol, jista' jigi miftiehem li hu ghandu jaghti biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, inkella li jaghti wkoll il-materjal".*

L-**Artikolu 1640 tal-Kodici Civili** jaqra:

*1. “Min jaghti x-xoghol jista’ jholl, meta jrid il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun diga’ nbeda.*

*2. Jekk ma jkunx hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu flimkien ma’ somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta’ jaghmel b’dak l-appalt.*

*3. Jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta’ l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta’ l-utilita’ ta’ dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li jkun sofra.*

*4. Kull somma moghtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma l-kuntratt ikun inhall ghandha tigi applikata ghal dak dovut skond is-subartikolu (2) jew (3) ta’ dan l-artikolu u l-appaltatur ghandu jrodd lil min ikun ta x-xoghol kull eccess li jirrizulta.*

*5. Il-kuntratt jinhall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b’kull mezz li jkun, bid-decizjoni tieghu li jholl il-kuntratt, u dan bla htiega ta’ ebda awtorita’ jew konferma mill-Qorti.”*

Illi l-konvenuti rrinunzjaw ghall-ewwel u t-tielet eccezzjoni taghhom. Mill-provi rrizulta li ghalkemm fi drabi differenti gew konsenjati lill-konvenuti mill-attur l-oggetti kwazi kollha, hlief il-vetrina, ta' l-ordni li saret. Fuq dan il-punt hemm qbil. Id-differenza tezisti bejn il-verzjoni tal-partijiet ghaliex din ma gietx konsenjata. L-attur u x-xhieda prodotta minnu qal li kienu waqqfu x-xoghol tal-vetrina, ma baqghux jissikkawh u li din qeghda gol-garaxx kwazi lesta. Il-konvenut sostna li huwa kien gerger mal-attur ghad-dewmien u li din qatt ma giet konsenjata lilhom. *Inoltre'* xehed li ressqulu xi proposti biex jaslu f'xi forma ta' ftehim pero' ma waslux.

Illi jinghad mill-ewwel li ghax-xoghol li sarilhom u li gie kkonsenjat lilhom il-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur. Irrizulta mix-xhieda li l-konvenuti dejjem kienu sodisfatti mix-xoghol tant li regghu qabbdu lil-istess attur biex jaghmlilhom xoghol iehor, u sahansitra kien hemm terzi persuni li qabbduh minhabb li l-konvenuti fahhru xoghlu. Illi pero', *nonostante* dan kollu rrizulta li minn meta s-sett gie ordnat sakemm gie kkonsenjat lilhom ghaddew diversi snin, u dan certament li ma kienx fl-intenzjoni tal-konvenuti. Rigward il-fatt li l-vetrina qatt ma giet konsenjata gie ppruvat. L-attur sostna li l-vetrina hi kwazi lesta gol-garaxx pero' sadanittant xorta wahda ma lestihiex u ma kkonsenjahiex. Kwindi din il-Qorti sejra tnaqqas l-ammont ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) mill-ammont li qed jitlob l-istess attur *stante* li l-vetrina qatt ma kkonsenjaha.

B'hekk l-ammont li din il-Qorti qed tillikwida favur l-atturi ghax-xoghol li esegwixxa l-attur huwa ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700).

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** bil-mod kif gej, u dan billi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) dovuta fuq diversi xoghlijiet ta' ghamara maghmula ghall-imsemmija konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Jannar 1996 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Mejju 2002**